(iv) of good moral character; (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); other applicants must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

8.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand:-

(a) dawk il-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'7 (i), (ii) u (iv), iżda li għad m'għandhomx il-*warrant* sabiex jipprattikaw ta' Inġinier Elettriku;

(b) persuni li jkunu se jiggradwaw fl-Inġinerija Elettrika fis-sena 2004.

Kandidati magħżula taħt din il-klawsola jieħdu l-ħatra ta' *Junior Engineer,* u jirċievu salarju ta' Lm5,416 x Lm175 - Lm6,466 (Skala ta' Salarju 10).

8.2. Hekk kif iġib il-*warrant*, il-persuna fil-grad ta' *Junior Engineer,* sakemm twettaq b'mod sodisfaċenti dmirijietha, tkun eliġibbli għal promozzjoni ta' Inġinier fuq l-iskala msemmija f'paragrafu 2.

8.3. Applikazzjonijiet taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 7. F'każ li jkun hemm bżonn li tiġi determinata l-ordni talmertu ta' l-applikanti taħt paragrafu 8.1(a) u 8.1(b) tingħata preferenza lill-applikanti taħt paragrafu 8.1(a). Applikanti taħt paragrafu 8.1 (b) jistgħu jinħatru biss jekk ikunu temmew b'suċċess il-kors Universitarju tagħhom.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Saħħa) fid-Diviżjoni tas-Saħħa, fi 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, is-6 ta' Frar, 2004.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara

8.1. Applications will also be received from:-

(a) persons who satisfy the requirements stated in paragraphs 7 (i), (ii) and (iv) but are not yet in possession of a warrant to practise as Electrical Engineer;

(b) persons who will be graduating in Electrical Engineering in the year 2004.

Candidates selected under this subsection will be appointed Junior Engineers with a salary scale of Lm5,416 x Lm175 - Lm6,466 per annum (Salary Scale 10).

8.2. On obtaining the warrant to practise as an Engineer and subject to satisfactory performance, a Junior Engineer will become eligible for promotion to Engineer with a salary as given in paragraph 2.

8.3. Applications under this paragraph will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 7. In determining the order of merit of successful applicants under paragraph 8.1 (a) and paragraph 8.1 (b), those applying under paragraph 8.1(a) shall be given preference. Moreover, applicants under paragraph 8.1 (b) will only become appointable upon the successful completion of their University course.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

10. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General (Health) at the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 6th February, 2004.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date

d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-13 ta' Jannar, 2004

together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

13th January, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Inġinier (Elettriku) jew Inġinier *Junior* (Elettriku) fid-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Inġinier (Elettriku) jew Inġinier *Junior* (Elettriku) fid-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità.

2.1. Il-post ta' Inginier (Elettriku) għandu salarju ta' Lm5,750 fis-sena li jiżdied b'Lm192 fis-sena sa massimu ta' Lm6,902 (Skala Salarju 9).

2.2. Suġġett għal servizz sodisfaċenti, persuna fil-grad ta' Inġinier fi Skala 9 titla' għal Skala 8 (Lm6,120 x 209 – Lm7,374) wara sentejn servizz fil-grad u għal Skala 7 (Lm6,520 x 228 - Lm7,888) wara għaxar snin prattika professjonali ppruvata, (jew tmien snin prattika wara li tkun kisbet il-*warrant).* Il-perjodu biex persuna titla' minn Skala 8 għal 7 jitnaqqas b'sentejn fil-każ ta' Inġiniera li jkollhom kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Engineer (Electrical) or Junior Engineer (Electrical) in the Department for the Elderly and Community Services

The Public Service Commission invites applications for the post of Engineer (Electrical) or Junior Engineer (Electrical) in the Department for the Elderly and Community Services.

2.1. The post of Engineer carries a salary of Lm5,750 per annum rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm6,902 (Salary Scale 9).

2.2. Subject to satisfactory performance, an Engineer in Scale 9 will proceed to Scale 8 (Lm6,120 x 209 – Lm7,374) on completion of two years service in the grade and to Scale 7 (Lm6,520 x 228 - Lm7,888) on completion of ten years of proven professional practice, (or eight years practice after obtaining warrant), provided that the qualifying period for progression from Scales 8 to 7 is reduced by two years in the case of Engineers in possession of an approved post graduate qualification.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Department for the Elderly and Community Services. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li taħdem fuq bażi ta' *roster* li jinkludi xogħol nhar ta' Ħadd.

6. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Inġinier (Elettriku) jinkludu:

(a) kariga u direzzjoni ta' Skema Ppjanata ta' Manutenzjoni Preventiva fuq apparat/stallazzjonijiet elettroniċi, elettro-mediċi u ta' l-elettriku, u kull xorta ta' apparat ieħor bħal dan jew li jista' jiġi nstallat fid-diversi residenzi u sezzjonijiet tad-Dipartiment;

(b) tħejjija ta' speċifikazzjonijiet għal xiri ta' apparat elettroniku, elettro-mediku u ta' l-elettriku u għotja ta' parir fuq offerti għal xiri ta' dan l-apparat;

(ċ) sorveljanza ta' l-istallar ta' apparat ġdid;

(d) sorveljanza u direzzjoni kemm ta' l-i*staff* tekniku kif ukoll industrijali li jaqgħu taħtha;

(e) taħriġ tekniku, teoretiku u prattiku lill-impjegati tekniċi f'manutenzjoni u tiswija ta' l-apparat elettriku u elettroniku użat jew li se jiġi stallat;

(f) għajnuna liċ-*Chief Engineer* tad-Diviżjoni kif jinħtieġ.

7. L-applikanti għandhom:-

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikunu gradwati minn Università rikonoxxuta fl-Inġinerija Elettrika;

(iii) ikollhom *warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Inġinier;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji).

8.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand dawk il-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'7(i), (ii) u (iv) iżda li għad m'għandhomx il-*warrant* sabiex jipprattikaw ta' Inġinier Elettriku. Kandidati magħżula taħt

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee may be required to perform duties on roster basis which will include Sunday attendance.

6. The duties of Engineer (Electrical) include:

(a) taking charge of and directing a Planned Preventive Maintenance Scheme on electronic, electro-medical and electrical equipment/installations, and such other equipment as is or may be installed in the various homes, branches and sections of the Department;

(b) preparing specifications for the purchase of electronic, electro-medical and electrical equipment and to advise on tenders for the purchase of such equipment;

(c) supervising the erection of new equipment;

(d) supervising and directing technical and industrial staff under his/her charge;

(e) providing technical, theoretical and practical training to the technical staff in the maintenance, servicing and repair of electrical and electronic equipment in use or to be installed;

(f) assisting the Chief Engineer of the Department as required.

7. Applicants must be:

(i) citizens of Malta;

(ii) in possession of a recognised University degree in Electrical Engineering;

(iii) in possession of a warrant to practise as an Engineer;

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

8.1. Applications will also be received from persons who satisfy the requirements stated in paragraphs 7(i), (ii) and (iv) but are not yet in possession of a warrant to practise as Electrical Engineer. Candidates selected under this subsection

din il-klawsola jieħdu l-ħatra ta' *Junior Engineer,* u jirċievu salarju ta' Lm5,416 x Lm175 – Lm6,466 (skala ta' salarju 10) kull sena.

8.2. Hekk kif iġġib il-*warrant,* il-persuna fil-grad ta' *Junior Engineer,* sakemm twettaq b'mod sodisfaċenti dmirijietha, tkun eliġibbli għal promozzjoni ta' Inġinier fuq l-iskala msemmija f'paragrafu 2.

8.3. Applikazzjonijiet taħt dan il-paragrafu jigu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 7.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jintniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mid-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità, Ċentru Ħidma Soċjali, 46, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera.

13. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur fid-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Kommunità, Ċentru Ħidma Soċjali, 46, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Frar 2004.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356-21494690.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-13 ta' Jannar, 2004

will be appointed Junior Engineers with a salary scale of Lm5,416 x Lm175 – Lm6,466 (salary scale 10) per annum.

8.2. On obtaining the warrant to practise as an Engineer and subject to satisfactory performance, a Junior Engineer will become eligible for promotion to Engineer with a salary as given in paragraph 2.

8.3. Applications under this paragraph will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 7.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11. The applicant selected for appointment will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Department for the Elderly and Community Services, Ċentru Ħidma Soċjali, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, St Venera.

13. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director at the Department for the Elderly and Community Services, Ċentru Ħidma Soċjali, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, St Venera, by not later than noon of Friday, 6th February 2004.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 - 21494690.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Department and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Department within seven days.

13th January, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjoni ta' *Assistant Manager Airport Security,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Assistant Manager Airport Security* fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Il-Gvern waqqaf il-Kumitat dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni bir-responsabbiltà għall-koordinazzjoni u implimentazzjoni tas-*Civil Aviation Security Programme*.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt mal-Gvern bħala *Assistant Manager Airport Security* fl-Uffiċċju ta' l-*Airport Security Manager* għal perjodu ta' tliet snin, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' ħidma sodisfaċenti u riżultati pożittivi. Fin-nuqqas ta' servizz sodisfaċenti bħala *Assistant Manager Airport Security* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, hija tibqa' żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha fl-Uffiċċju ta' l-*Airport Security Manager* kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 7, hija tkun meħtieġa li jirrinunzja d-dmirijiet ta' *Assistant Manager Airport Security* u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offura tiġdid tal-kuntratt.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għal Skala tas-Salarju 7, li huwa ta' Lm6,520 fis-sena, u jiżdied b'Lm228 kull sena sakemm jilħaq il-massimu ta' Lm7,888 fis-sena. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *allowance* mhux pensjonabbli.

4. Il-persuna magħżula bħala *Assistant Manager Airport Security* taqa' direttament taħt il-*Manager Airport Security*. Id-dmirijiet jinkludu:-

a) għajnuna lill-*Manager Airport Security* u sostituzzjoni meta ma jkunx preżenti;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Assistant Manager Airport Security Ministry for Justice and Home Affairs

The Public Service Commission invites applications for the position of Assistant Manager Airport Security at the Malta International Airport. Government set up the Aviation Security Committee charged with the overall responsibility for the co-ordination and implementation of the Civil Aviation Security Programme.

2.1 The selected candidate will enter into a three-year contract with Government as an Assistant Manager, Airport Security, in the Office of the Airport Security Manager, which may be renewed thereafter for further periods of three years, subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Assistant Manager, Airport Security during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If the selected candidate is a public officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not a public officer, his/her service with the Office of the Airport Security Manager as well as with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer and, during the contract period, is appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Assistant Manager, Airport Security, and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but will not be offered a subsequent renewal of contract.

3. The salary attached to this position is equivalent to Salary Scale 7, that is Lm 6,520 per annum rising by annual increments of Lm228 up to a maximum of Lm7,888. In the case that the selected applicant is a Public Officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The Assistant Manager Airport Security reports directly to the Manager. His duties include the following:-

a) assists the Airport Security Manager and replaces him in his absence;

b) identifikazzjoni ta' perikli u riskji konnessi mas-sigurtà ta' l-ajruport;

ċ) preparazzjoni u koordinazzjoni ta' pjanijiet ta' emerġenza biex inaqqas l-effetti ta' perikli u riskji li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fl-ajruport;

d) rappreżentazzjoni lill-*Manager Airport Security* f'kumitati nazzjonali, *panels* u *working groups* imwaqqfa biex jippreparaw u jikkordinaw pjanijiet biex jevitaw, iħejju u jilqgħu atti ta' natura ostili;

e) f'każ ta' emerġenza, tagħmel parti mill-organizzazzjoni għat-tmexxija u kontroll meħtieġa biex tieħu deċiżjonijiet dwar operazzjonijiet konnessi mad-diżastri, u tassigura li l-aspetti kollha jitmexxew u jkunu kkordinati b'mod effettiv kif meħtieġ;

f) identifikazzjoni ta' individwi u/jew gruppi għall-bżonnijiet ta' taħriġ li jkopru kull aspett ta' tmexxija f'każ ta' emerġenza.

5. L-applikanti għandhom ikunu:-

a) ċittadini ta' Malta;

b) kwalifikati f'materja dwar sigurtà, jew għandhom ta' l-anqas ħames snin esperjenza f'dan it-tip ta' xogħol; tingħata kunsiderazzjoni lil dawk li għandhom esperjenza f'dan il-qasam;

ċ) ta' karattru morali tajjeb; (l-applikanti li huma impjegati mal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (G.P. 47);* dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għadhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji);

d) mhux inqas minn 25 sena u mhux aktar minn 45 sena fid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni.

6. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'dokumenti u/jew ċertifikati (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; l-originali għandhom jintwerew waqt l-intervista);

7. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli sabiex jitqies min ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

8. Il-persuna magħżula jkun irid isirilha eżami mediku biex jiġi żgurat li hija tista' twettaq dawn id-dmirijiet f'din il-pożizzjoni.

9. L-applikanti magħżula jkunu meħtieġa jattendu korsijiet ta' taħriġ f'Malta jew barra minn Malta kif meħtieġ, bil-

b) identifies the potential hazards and risks associated with Airport Security;

c) prepares and co-ordinate emergency plans to mitigate the effects of identified hazards and risks associated with Airport Security;

d) represents the Manager Airport Security at national committees, panels and working groups set up to prepare and co-ordinate defense plans to prevent, prepare, respond and recover toċfrom acts of a hostile nature;

e) in the event of an emergency, forms part of the command and control organisation required to take operational decisions in relation to the disaster response, and ensure that all aspects of the emergency are being effectively managed and co-ordinated;

f) identifies individual and/or combined entities and training needs and objectives which encompass all aspects of emergency management.

5. Applicants must be:-

a) be citizens of Malta;

b) qualified in security matters, or who have at least five years experience in such workġ experience in airport security will be an asset;

c) be of good moral character, (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record form (GP 47), those applying from outside must produce a recent Police certificate of conduct issued not earlier than 6 months prior to the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details);

d) be not less than 25 years of age but not more than 45 years of age on closing date of application.

6. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

7. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Boards to assess their suitability for this position.

8. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit to perform the duties applicable to this position.

9. The selected applicant must attend courses in Malta or abroad, if so required, in accordance with the relevant

kundizzjonijiet kif stipulat fis-Sezzjoni 8 tal-*Public Service Management Code*.

10. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi/uffiċjali pubbliċi, liema kuntratt jidher f'Appendiċi VIII/IX respettivament tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:

http://www.mpo.gov.mt/downloads/psmc.pdf.

11. Applikazzjonijiet f'*envelope* magħluq u mmarkat *"Assistant Manager Airport Security"* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korporattivi (Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern), 476, Casa Leoni, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, is-6 ta' Frar, 2004.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf.

jew jinkisbu mid-Direttur Servizzi Korporattivi (Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern), 476, Casa Leoni, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ simili ieħor sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal l-Uffiċċju tad-Direttur Servizzi Korporattivi (Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni u għandha tingħata spjegazzjoni tad-dewmien. (In-numru tal-*fax* ta' l-Uffiċċju riċeventi huwa +356 - 21 485 118).

14. (a) Applikazzjonijiet meħuda l-Uffiċċju personalment jiġu ċertifikati bil-miktub bħala li nltaqgħu mid-Direttur Servizzi Korporattivi (Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern) u tingħata rċevuta dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Servizzi Korporattivi (Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern) jibgħat irċevuta bil-posta għal dawn l-applikazzjonijiet fi żmien sebat (7) ijiem.

It-13 ta' Jannar, 2004

conditions laid down in Section 8 of Public Service Management Code.

10. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the contract for non-public officers/public officers, included as Appendix VIII/IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:-

http://www.mpo.gov.mt/downloads/psmc.pdf.

11. Applications, in sealed envelopes marked "Assistant Manager Airport Security" will be received by the Director Corporate Services (Ministry for Justice and Home Affairs), 476, Casa Leoni, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, by not later that noon of Friday, 6th February, 2004.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director Corporate Services (Ministry for Justice and Home Affairs), 476, Casa Leoni, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services (Ministry for Justice and Home Affairs) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Office is +356-21 485 118).

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services (Ministry for Justice and Home Affairs) and a receipt will given forthwith at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead-line. These applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services (Ministry for Justice and Home Affairs) within seven (7) days.

13th January, 2004

FORZI ARMATI TA' MALTA

Programm ta' Sparar Attiv mill-Forzi Armati ta' Malta fir-*Ranges* ta' Pembroke matul ix-xahar ta' Frar 2004

Il-Forzi Armati ta' Malta matul ix-xahar ta' Frar 2004, se jwettaq programm ta' sparar attiv mir-*ranges* ta' Pembroke fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:

Mit-Tnejn, it-2 ta' Frar 2004 sal-Ġimgħa, is-6 ta' Frar 2004 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Nhar it-Tnejn, id-9 ta' Frar 2004, bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mill-Erbgħa, il-11 ta' Frar 2004 sal-Ġimgħa, it-13 ta' Frar 2004 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn, is-16 ta' Frar 2004 sal-Ġimgħa, l-20 ta' Frar 2004 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn, it-23 ta' Frar 2004 sal-Ġimgħa, is-27 ta' Frar 2004 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l bogħod mill-kosta ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Bnadar ħomor jittellgħu mil-limiti tar-*ranges* waqt il-ħinijiet ta' l-isparar.

It-13 ta' Jannar, 2004

ARMED FORCES OF MALTA

Live Firing Practice by the Armed Forces of Malta at the Pemborke Ranges during the month of February 2004

The Armed Forces of Malta during the month of February 2004, will be holding a live firing practice at Pembroke Ranges on the following dates and timings as indicated hereunder:

From Monday, 2nd February 2004 to Friday, 6th February 2004 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

On Monday, 9th February 2004 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Wednesday, 11th February 2004 to Friday, 13th February 2004 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Monday, 16th February 2004 to Friday, 20th February 2004 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Monday, 23rd February 2004 to Friday, 27th February 2004 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke coast during the above dates and timings.

Red flags will be flown from the limits of the ranges concerned.

13th January, 2004

STAMPERIJA TAL-GVERN

Riżultat tat-Test/Intervista għall-Post ta' *Assistant Chief Printer* fl-Istamperija tal-Gvern

Id-Direttur, Stamperija tal-Gvern, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat tat-Test/Intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali ta' l-Istamperija tal-Gvern, A29, Qasam Industrijali, il-Marsa, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-13 ta' Jannar, 2004

GOVERNMENT PRINTING PRESS

Result of Test/Interview for the Post of Assistant Chief Printer at the Government Printing Press

The Director, Government Printing Press, notifies that the result of the Test/Interview for the above-mentioned post may be viewed on the main notice-board at the Government Printing Press, A29, Industrial Estate, Marsa, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

13th January, 2004

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Riżultat ta' l-Intervista għall-Pożizzjoni ta' *Policy Officer* fis-Servizz Pubbliku

Is-Segretarju Permanenti, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Berġa ta' Kastilja, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-13 ta' Jannar, 2004

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Result of interview for the Position of Policy Officer in the Public Service

The Permanent Secretary, Office of the Prime Minister notifies that the result of the interview for the above-mentioned position may be viewed on the notice-board at the Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

13th January, 2004

KUNSILL LOKALI ATTARD

Il-Kunsill Lokali Attard jgħarraf illi minn nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Jannar, 2004, Triq Ħal Warda bi prova se tkun magħluqa għat-traffiku mit-8.15 a.m. sat-8.45 a.m. u mis-2.15 p.m. sas-2.45 p.m. fil-ġranet ta' l-iskola biss.

It-13 ta' Jannar, 2004

PROĠETT GĦAR-RIJABILITAZZJONI TAL-BELT VALLETTA U FLORIANA

Il-Proġett għar-Rijabilitazzjoni tal-Belt Valletta fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura jgħarraf li s-*Saluting Battery* fil-ġnien tal-Barrakka ta' Fuq se tkun magħluqa b'seħħ immedjat sat-30 ta' Jannar, 2004.

It-13 ta' Jannar, 2004

KUNSILL LOKALI MARSA

Kompetizzjoni ta' Monument tal-Gwerra

Il-Kunsill tal-Marsa qed jestendi l-għeluq tal-kompetizzjoni għal nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Jannar, 2004 fil-5.15 p.m. L-artisti li se jieħdu sehem għandhom jissottomettu abbozz tat-tafal jew ta' xi materjal ieħor, ta' monument li jfakkar il-vittmi tal-gwerra. L-ewwel premju jkun ta' Lm200 u t-tieni premju ta' Lm100. Id-deċiżjoni tal-Kunsill hija waħda finali.

It-13 ta' Jannar, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-15 ta' Jannar, 2004, għal:

CT 325/2003. Provvista ta' ġkieket *waterproof* lid-Dipartiment tal-Pulizija.

CT 326/2003. Bini ta' uffiċini ġodda u mħażen għall-Forzi Armati ta' Malta, Ħal Safi - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju taċ-*Chief Draughtsman,* Blokk A, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas id-dritt neċessarju ta' Lm20.

CT 327/2003. Stallazzjoni ta' *solar water heaters* f'Blokki A5-A11, Pembroke - Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju taċ-*Chief Draughtsman,* Livell 3, Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Santa Venera bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas id-dritt neċessarju ta' Lm3 għal kull kopja ta' pjanta.

ATTARD LOCAL COUNCIL

The Attard Local Council notifies that as from Wednesday, 14th January 2004, for a trial period of one month, Triq Ħal Warda will be closed to traffic between 8.15 a.m. to 8.45 a.m. and 2.15 p.m. and 2.45 p.m. during school days only.

13th January, 2004

THE VALLETTA AND FLORIANA REHABILITATION PROJECT

The Valletta Rehabilitation Project within the Ministry for Resources and Infrastructure notifies that the Saluting Battery at the Upper Barrakka Gardens will be closed with immediate effect till the 30th of January, 2004.

13th January, 2004

MARSA LOCAL COUNCIL

Competition: War Monument

This competition has been extended until Wednesday, 21st January 2004 at 5.15 p.m. Artists wanting to participate in this competition are required to submit a clay model or any other type of model of a monument which commemorates the victims of war. The winner is entitled for a price of Lm200 while the runner up is entitled for a price of Lm100.

13th January, 2004

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 15th January, 2004, for:

CT 325/2003. Supply of waterproof jackets to the Police Department.

CT 326/2003. Construction of new offices and stores at Armed Forces of Malta, Safi - Works Division. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's Office, Block A, Works Division, Floriana between 8.00 a.m. and noon against the necessary payment of Lm20.

CT 327/2003. Installation of solar water heaters at Blocks A5-A11, Pembroke - Housing Construction and Maintenance Department. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's Office, Level 3, Housing Construction and Maintenance Department, Santa Venera between 8.00 a.m. and noon against the necessary payment of Lm3 per copy of drawing.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-20 ta' Jannar, 2004, għal:

CT 328/2003. *Furnishing* u tkomplija ta' sular ta' uffiċini addizzjonali fil-Biċċerija Ċivili, Prince Albert Town, Marsa - Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 329/2003. Provvista ta' *plaster 2.5 cm* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 334/2003. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' uniformijiet tas-sajf, qliezet u dbielet lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-22 ta' Jannar, 2004, għal:

CT 310/2003. Provvista ta' *Cultural Heritage Inventory Management Systems (CHIMS)* - Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 330/2003. Provvista ta' *combat suits camouflage* – Forzi Armati ta' Malta.

CT 331/2003. Provvista ta' *military footwear* – Forzi Armati ta' Malta.

CT 332/2003. Xogħlijiet ta' l-elettriku u ta' l-inġinerija mekkanika u servizzi fil-Chemistry Building Extension – Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-27 ta' Jannar, 2004, għal:

CT 300/2003. Provvista ta' tagħmir għall-*Monitoring* għad-Dipartiment tas-Saħħa tal-Pjanti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent. Proġett ta' l-*E.U.* - Ref: B7-040 MT2002 *National Pre-Accession Programme 2002 for Malta*.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-29 ta' Jannar, 2004, għal:

CT 335/2003. Provvista ta' pilloli *mesalazine 400mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 336/2003. Provvista ta' pilloli *antacid compound preparation* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 20th January, 2004, for:

CT 328/2003. Furnishing and finishing of the additional office floor at the Civil Abattoir, Prince Albert Town, Marsa - Ministry of Rural Affairs and the Environment. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document.

CT 329/2003. Supply of plaster 2.5 cm - Health Division.

CT 334/2003. Period contract for the supply of summer uniforms, trousers and skirts to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 22nd January, 2004, for:

CT 310/2003. Supply of Cultural Heritage Inventory Management Systems (CHIMS) - Superintendence of Cultural Heritage. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 330/2003. Supply of combat suits camouflage – Armed Forces of Malta.

CT 331/2003. Supply of military footwear – Armed Forces of Malta.

CT 332/2003. Electrical and mechanical engineering works and services at the Chemistry Building Extension – University of Malta. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 27th January, 2004, for:

CT 300/2003. Supply of monitoring equipment for the Plant Health Department, Ministry for Rural Affairs and the Environment. E.U. Project - Ref: B7-040 MT2002 National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 29th January, 2004, for:

CT 335/2003. Supply of mesalazine 400mg tablets - Health Division.

CT 336/2003. Supply of antacid compound preparation tablets - Health Division.

CT 337/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *isosorbide dinitrate 10mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 338/2003. Provvista ta' pilloli *sodium valproate 200mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 339/2003. Provvista ta' pilloli *naltrexone 50mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 340/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *propofol 200mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 341/2003. Provvista ta' *gauze swabs*, qies 30cm x 30cm - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 342/2003. Disinjar u implimentazzjoni ta' *structural anchor system* u xi xogħlijiet ta' restawr fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet f'Sant Iermu - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 343/2003. Servizzi ta' konsulenza relatata ma' l-*Agricultural Waste Management Plan* għall-Gżejjer Maltin - Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-3 ta' Frar, 2004, għal:

CT 344/2003. Provvista ta' *sodium valproate oral solution* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 345/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *flumazenil 500mcg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 346/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *ondansetron 8mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 347/2003. Provvista ta' kapsoli *trifluoperazine 2mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 348/2003. Provvista ta' pilloli *topiramate 50mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 349/2003. Provvista ta' *ipratropium brominde nebuliser solution* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 350/2003. Provvista ta' *pulmonary surfactant for intratracheal use* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 351/2003. Provvista ta' *insulin neutral solution – short acting* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 352/2003. Provvista ta' pilloli *amitrypline HCL* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 353/2003. Provvista ta' *pulmonary surfactant for intra-tracheal use* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 337/2003. Supply of isosorbide dinitrate 10mg injections - Health Division.

CT 338/2003. Supply of sodium valproate 200mg tablets - Health Division.

CT 339/2003. Supply of naltrexone 50mg tablets - Health Division.

CT 340/2003. Supply of propofol 200mg injections - Health Division.

CT 341/2003. Supply of gauze swabs, size 30cm x 30cm - Health Division.

CT 342/2003. Design and implementation of structural anchor system and some restoration works at St Elmo Examination Centre - Works Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 343/2003. Consultancy services related to the Agricultural Waste Management Plan for the Maltese Islands - Ministry of Rural Affairs and the Environment. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 3rd February, 2004, for:

CT 344/2003. Supply of sodium valproate oral solution - Health Division.

CT 345/2003. Supply of flumazenil 500mcg injections - Health Division.

CT 346/2003. Supply of ondansetron 8mg injections - Health Division.

CT 347/2003. Supply of trifluoperazine 2mg capsules - Health Division.

CT 348/2003. Supply of topiramate 50mg tablets - Health Division.

CT 349/2003. Supply of ipratropium brominde nebuliser solution - Health Division.

CT 350/2003. Supply of pulmonary surfactant for intratracheal use - Health Division.

CT 351/2003. Supply of insulin neutral solution – short acting - Health Division.

CT 352/2003. Supply of amitrypline HCL tablets - Health Division.

Maltacom plc, Spencer Hill, Marsa filed a writ of summons on the 3rd June 2003 against the defendant Global Software Development Ltd, 53, Triq San Duminku, Valletta, wherein it requested the Court to condemn the defendants to pay plaintiff the sum of Lm619.96 for reasons indicted in the writ of summons. With costs and interests.

The case (Writ of Summons Number 1116/03 EG) has been put off for the sitting of the 16th January, 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, the 9th of January, 2004.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

63

QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMĦALLEF

L-ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO, B.A., LL.D.

APPELL Nru. 197/2003

Il-Pulizija
(Spettur A. Mamo)

vs

Michael Mifsud

Illum, 16 ta' Diċembru, 2003.

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli;

1) F'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar xhur, u cioé fl-14 ta' Ġunju 2003, u fil-jiem ta' wara bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni għal xi vantaġġ privat tiegħu għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga tiegħu ,jew seraqhom, u cioé għamel użu ħażin minn ċekk ta' Lm143 mogħti lilu minn Emanuela Mifsud bħala pagament tat-Taxxa u dan bi ksur ta' l-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu, għamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew tibdil fl-atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi daħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra, wara li kienu ġa ffurmati jew magħluqa, dan bi ksur ta' l-Artikolu 179 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Meta kiteb l-atti li daħlu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu, biddel bil-qerq is-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom, sew billi niżżel partijiet diversi minn dawk li kienu ġew iddettati jew magħmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bħala veri fatti foloz, jew bħala fatti magħrufa dawk li ma kinux bi ksur ta' l-Artikolu 180 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4) Sabiex kiseb xi vantaġġ jew beneficċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

COURT OF CRIMINAL APPEAL

JUDGE

HON. JOSEPH G. GALEA DEBONO, B.A., LL.D.

APPEAL No. 197/2003

The Police
(Inspector A. Mamo)

vs

Michael Mifsud

Today, 16th December, 2003.

The Court,

Having seen the charge brought against the respondent before the Courts of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature because;

1) In these Islands, during these last months, and that is on the 14th June 2003, and on the following days, as a public officer or servant, with the Department of Inland Revenue, for his private gain, abused of Government or private funds, credit securities or documents, bonds, instruments or movable property, entrusted to him by virtue of his office, either purloins, or rather misapplied of a cheque of Lm143 given to him by Emanuela Mifsud, as payment of Tax and this in violation of Article 127 of Chapter 9 of the Laws of Malta;

2) In the exercise of his functions, commits forgery by any false signature, or by the alteration of any act, writing, or signature, or by inserting, the name of any supposititious person, or by any writing made or entered in any register or other public act, when already formed or completed, and this in violation of Article 179 of Chapter 9 of the Laws of Malta;

3) When drawing up the acts within the scope of his duties, shall fraudulently alter the substance or the circumstances thereof, whether by inserting any stipulation different from that dictated or drawn up by the parties, by declaring as true what is false, or as an acknowledged fact, a fact which is not acknowledged as such, and this in violation of Article 180 of Chapter 9 of the Laws of Malta;

4) In order to gain advantage or benefit for himself or others, shall in any document intended for any public authority, knowingly makes a false declaration,or statement, in violation of Article 188 of Chapter 9 of the Laws of Malta;

5) Bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impjieg tiegħu, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6) B'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex ġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' Lm143 bi ħsara ta' Emanuela Mifsud, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Gvern ta' Malta u oħrajn bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309, u 310 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7) Bħala uffiċjal pubbliku appropja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u cioé ħa u żamm għandu flus ta' Emanuela Mifsud li jammontaw għal Lm143, liema flus ġew mogħtija lilu bħala uffiċjal pubbliku mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, għal ħlas ta' Taxxa ta' Emanuela Mifsud, liema flus ġew fdati u ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8) Kif ukoll talli kkommetta dawn ir-reati filwaqt li kien uffiċjal jew impjegat pubbliku li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu hu kellu d-dmir li jimpedixxi, dan bi ksur ta' l-Artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Ottubru 2003, li biha wara li rat l-artikoli 179, 180, 188, 189, 309, 310, 293, 294, 217, 141, 17, 31 tal-Kap. 9 illiberatu taħt l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor f'perjodu ta' sena u addizzjonalment applikat l-Artikolu 24 taċ-ċitat Kap. 446 fejn ordnatlu li jħallas lill-Emanuel Mifsud is-somma ta' Lm180 żmien mhux aktar tard minn ġimgħa. Rigward l-interdizzjoni perpetwa mposta ai termini ta' l-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9 u fit-termini ta' l-Artikolu 10(6) ta' l-istess Kapitolu ordnat it-twaqqif immedjat tagħha.

Rat ir-rikors ta' l-appellant l-Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fid-29 ta' Ottubru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' ħtija w l-ordni taħt l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, b'dan li l-ordni għat-twaqqif ta' l-interdizzjoni perpetwa tiġi revokata u minflok din l-Onorabbli Qorti timponi wkoll l-interdizzjoni ġenerali u perpetwa skond il-liġi.

5) Who as a public officer or servant, acting with abuse of his office or employment, knowingly makes use of any forged document, in violation of Article 189 of Chapter 9 of the Laws of Malta;

6) By means of an unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device, or pretence calculated to lead to the belief in the existence of any fictitious enterprise or of any imaginary credit, or to create the expectation or apprehension of any chimerical event, made a gain of Lm143 to the prejudice of Emanuela Mifsud, the Department of Inland Revenue, the Government of Malta and others in violation of Articles 308, 309, and 310(1) of Chapter 9 of the Laws of Malta;

7) As a public officer, by converting to his own benefit or to the benefit of any other person, something which does not belong to him, which has been entrusted or delivered to him, under a title which implies an obligation, toreturn such thing or to make use thereof for a specific purpose, and that is took and kept in his possession funds belonging to Emanuela Mifsud, which amount to Lm143, which monies were given to him as a public official, with the Department of Inland Revenue, for the payment of Tax of Emanuela Mifsud, which monies were entrusted and delivered to him by reason of his profession, trade, business, management, office or service, and this in violation of Articles 293 and 294 of Chapter 9 of the Laws of Malta;

8) As for carrying, out these crimes whilst being a public official or employee, who, was bound to see in virtue of his office that they were not carried out, or which he was bound to repress, and this in violation of Article 141 of Chapter 9 of the Laws of Malta.

Having seen the judgement of the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature of the 16th October 2003, in virtue of which after having seen articles 179, 180, 188, 189, 309, 310, 293, 294, 217, 141, 17, 31 of Chapter 9, was freed under Article 22 of Chapter 446 under the condition that he shall not commit any other offence within a year and further applied Article 24 of the mentioned Chapter 446 whereby it was ordered that he pay Emanuel Mifsud the sum of Lm180, not later than a week. As regards the perpetual interdiction imposed by terms of Article 127 of Chapter 9 and in terms of Article 10(6) of the same Chapter, ordered that it be immediately stopped.

Having seen the application of the appellant, The Attorney General, filed on the 29th October 2003, in virtue of which he asked this Court, to reform the judgement appealed by confirming the declaration of guilt and the order under Article 22 of Chapter 446, and instead this Honourable Court impose as well the general and perpetual interdiction according to law.

Rat illi l-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti, fuq ammissjoni ta' l-akkużat, fid-diskrezzjoni tagħha, imponiet ordni taħt l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, iżda naqset li f'każ li hi stess iddefeniet bħala 'serjissimu', timponi l-interdizzjoni ġenerali u perpetwa skond l-Artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali, mentri l-piena f'dan il-każ kellha wkoll tinkludi l-interdizzjoni.

Fliet l-atti kollha proċesswali;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli difensur;

Peress illi jidher illi skond l-Artikolu 127 tal-Kap. 9 l-interdizzjoni ġenerali perpetwa kellha tiġi applikata mill-Ewwel Qorti u l-Ewwel Qorti ma kellhiex diskrezzjoni u tneħħi l-istess interdizzjoni fis-sentenza tagħha iżda l-proċedura korretta, se mai, kellha tkun li wara li l-istess interdizzjoni tiġi kkomminata fis-sentenza, umbagħad wara isir rikors skond l-Artikolu 10 (6) tal-Kap. 9 - ħaġa li għada tista' ssir anki f'dan l-istadju - sabiex tali interdizzjoni tieqaf jekk ikun hemm raġunijiet tajba li jingħiebu għas-sodisfazzjoni ta' dik il-Qorti.

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fl-intier tagħha ħlief għar-rigward fejn ordnat it-twaqqif immedjat ta' l-interdizzjoni ġenerali perpetwa mposta ai termini ta' l-Artikolu 127 u minflok timponi din l-interdizzjoni ġenerali perpetwa fuq l-appellat.

(ft.) Joseph G. Galea Debono
Imħallef

JOHN FARRUGIA
Deputat Reġistratur

Saw that the grievance of the Attorney General consists that the First Court, following the admittance of the accused, in its discretion, imposed an order under Article 22 of Chapter 446, but failed in a case which it had defined as 'very serious' to impose the general and perpetual interdiction according to Article127 of the Criminal Code, whilst the penalty in this case had also to include interdiction.

Having seen all the records of the case;

Having heard the able pleading of the Prosecutor and the Defense;

Whereas it appears that according to Article 127 of Chapter 9, the general perpetual interdiction had to be applied by the First Court and the First Court, did not have the discretion, to revoke the same interdiction in its judgement, but the correct procedure, was that after the same interdiction be mentioned in the judgement, then after, an application be made according to Article 10(6) of Chapter 9, something which can even be made at this stage, in order,that this interdiction be stopped, if there, be valid reasons brought to the satisfaction of this Court.

Thus the Court, upholds the appeal of the Attorney General and reforms the judgement,appealed by confirming it in entirety except as regards whereby, the immediate revocation of the perpetual general interdiction imposed in terms of Article 127 was ordered and instead impose the perpetual general interdiction on the respondent.

(Sgd.) Joseph G. Galea Debono
Judge

JOHN FARRUGIA
Deputy Registrar

64

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tas-17 ta' Diċembru, 2003 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit- 13 ta' Ottubru, 2003 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ippreżentat fid-9 ta' Ottubru, 2003, ġie ffissat il-jum tat-Tnejn 19 ta' Jannar, 2004 fis- 2:00 p.m. sabiex il-Perit Alan Saliba jkun jista' jeċċedi, jiddeskrivi u jivvaluta n-nofs indiviż il-blokk bini mingħajr numru, jismu 'I.T.B. House'fi triq ġdida bla isem ġewwa Triq il-Qawra, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, appartenenti lil Incoming Travel Bureau Limited.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it- 8 ta' Jannar, 2004

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati

It is hereby notified that by a decree of the 17th December, 2003 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on the 13th October, 2003 on the application of Bank of Valletta p.l.c. filed on the 9th October, 2003, Monday, 19th January, 2004 at 2:00p.m. has been fixed so that Alan Saliba A&CE could inspect, describe and evaluate the unnumbered block known as 'I.T.B. House' in a new street in Qawra Road, Buġibba limits of Saint Paul's Bay, belonging to Travel Bureau Limited.

Registry of the Superior Courts, today the 8th day of January, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts

65

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' Diċembru, 2003 fuq rikors ta' KNK AIR CONDITIONERS CO. LTD. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 27 ta' Jannar, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-23 ta' Diċembru, 2003 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SPITERI DEBARRO ALFRED.

8 imwejjed u 14 il-bank, air-conditioner, display fridge.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum, it-Tlieta, is-6 ta' Jannar, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the Court of Magistrates (Malta) on 23 December, 2003 on the application of KNK AIR CONDITIONERS CO. LTD.; Tuesday, 27th January, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 23rd December, 2003 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of SPITERI DEBARRO ALFRED.

8 tables, 14 benches, an air-conditioner, display fridge.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), this Tuesday, 6th January, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts

66

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-6 ta' Jannar, 2004 fuq rikors ta' SCERRI MARTIN ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 3 ta' Frar, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-6 ta' Jannar, 2004 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetii hawn taħt deskritti maqbudin mingħand FENECH TONY.

Salott, 2 televisions.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum, it-Tlieta, is-6 ta' Jannar, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the Court of Magistrates (Malta) on 6 January, 2004 on the application of SCERRI MARTIN; Tuesday, 3rd February, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 6th January, 2004 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of FENECH TONY.

Sitting room suite, 2 television sets.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), this Tuesday, 6th January, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts

67

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' Diċembru, 2003 fuq rikors ta' CHARLES DE GIORGIO LTD. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 27 ta' Jannar, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-23 ta' Diċembru, 2003 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand NICHOLSONS THE SUPERMARKET LTD.

19 armchairs, 3 cash counters, 7 filing cabinets, wallunits u affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum, it-Tlieta, is-6 ta' Jannar, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the Court of Magistrates (Malta) on 23 December, 2003 on the application of CHARLES DE GIORGIO LTD.; Tuesday, 27th January, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 23rd December, 2003 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of NICHOLSONS THE SUPERMARKET LTD.

19 armchairs, 3 cash counters, 7 filing cabinets, wallunits and other similar items.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), this Tuesday, 6th January, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts

68

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' Diċembru, 2003 fuq rikors ta' MELITA INSURANCE BROKERS LTD. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 20 ta' Jannar, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-23 ta' Diċembru, 2003 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetii hawn taħt deskritti maqbudin mingħand GAUCI JOHN.

Dvd player, television, hi fi system, salott u ħafna affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum, it-Tlieta, is-6 ta' Jannar, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the Court of Magistrates (Malta) on 23 December, 2003 on the application of MELITA INSURANCE BROKERS LTD.; Tuesday, 20th January, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 23rd December, 2003 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of GAUCI JOHN.

Dvd player, television set, hi fi system, sitting room suite and lots of other similar items.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), this Tuesday, 6th January, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts

69

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' Diċembru, 2003 fuq rikors ta' DIPARTIMENT GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TA' L-ISKART ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 15 ta' Jannar, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-23 ta' Diċembru, 2003 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetii hawn taħt deskritti maqbudin mingħand CALEX CONTRACTORS LTD.

2 televisions, wallunit u ħafna affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum, it-Tlieta, is-6 ta' Jannar, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the Court of Magistrates (Malta) on 23 December, 2003 on the application of DIPARTIMENT GĦALL-IPLIMENTAZZJONI TA' L-ISKART; Thursday, 15th January, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 23rd December, 2003 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of CALEX CONTRACTORS LTD.

2 television sets, wallunit and lots of other similar items.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), this Tuesday, 6th January, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts

70

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' Diċembru, 2003 fuq rikors ta' LEGEND ADVERTISING LTD. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 15 ta' Jannar, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-23 ta' Diċembru, 2003 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetii hawn taħt deskritti maqbudin mingħand GRECH'S LTD.

Żewġ settijiet kmamar tal-banju.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum, it-Tlieta, is-6 ta' Jannar, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the Court of Magistrates (Malta) on 23 December, 2003 on the application of LEGEND ADVERTISING LTD.; Thursday, 15th January, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 23rd December, 2003 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of GRECH'S LTD.

Two bathroom suite sets.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), this Tuesday, 6th January, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts

71

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-6 ta' Jannar, 2004 fuq rikors ta' VALENTINO PATRICK NOÈ ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, it-3 ta' Frar, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-6 ta' Jannar, 2004, li għandu jsir f'HF 12, Industrial Estate, Ħal Far, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand ALUMINIUM EXTRUSIONS LIMITED.

1. Forn li jdewweb il-ħadid.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum, it-Tlieta, is-6 ta' Jannar, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the Court of Magistrates (Malta) on 6th January, 2004 on the application of VALENTINO PATRICK NOÈ, Tuesday, 3rd February, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 6th January, 2004 to be held at HF 12, Industrial Estate, Ħal Far, of the following items seized from the property of ALUMINIUM EXTRUSIONS LIMITED.

1. Top Loading Melting Furnace.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), this Tuesday, 6th January, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts

72

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-6 ta' Jannar, 2004 fuq rikors ta' AUTO SALES LTD. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 3 ta' Frar, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-6 ta' Jannar, 2004 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand MALTA SAUDI ARABIA PETROLUBE CO. LTD.

1. Karozza Mercedes Model E Reg. No. MDP-264.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum, it-Tlieta, is-6 ta' Jannar, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the Court of Magistrates (Malta) on 6th January, 2004 on the application of AUTO SALES LTD. Tuesday, 3rd February, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 6th January, 2004 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of MALTA SAUDI ARABIA PETROLUBE CO. LTD.

1. Motor vehicle Mercedes Model E Reg No. MDP-264.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), this Tuesday, 6th January, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts

73

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-6 ta' Jannar, 2004 fuq rikors ta' YELLOW PAGES (MALTA) LTD. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 27 ta' Jannar, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-6 ta' Jannar, 2004 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand ENGINEERING & TECHNOLOGY LTD.

1. Computer komplut, filing cabinet u affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum, it-Tlieta, is-6 ta' Jannar, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the Court of Magistrates (Malta) on 6th January, 2004 on the application of YELLOW PAGES (MALTA) LTD., Tuesday, 27th January, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 6th January, 2004 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of ENGINEERING & TECHNOLOGY LTD.

1. Complete computer, filing cabinet and other similar items.

Registry of the Magistrates Courts (Malta), this Tuesday, 6th January, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts

74

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, il-Qorti ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Cornflower Shipping Ltd, 53, Triq it-Tankijiet, Birżebbuġa, ippreżentat Avviż fit-28 ta' Frar 2003, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut Carmelo Dimech, "Our Nest", Triq l-Indipendenza, Żebbuġ, iħallas lill-attur is-somma ta' Lm102.80 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 488/03 JB) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tad-19 ta' Jannar, 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 9 ta' Jannar, 2004.

AVV DOTT PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

Dan l-avviż iħassar il-verżjoni bl-Ingliż ta' l-avviż Nru. 1619 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Novembru, 2003.

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Cornflower Shipping Ltd., 53, Tanks Street, Birzebbugia, filed a writ of summons on the 28th February 2003 against Carmelo Dimech, "Our Nest", Independence Street, Żebbuġ, wherein it requested the Court to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm102.80 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 488/03 JB) has been put off for the sitting of the 19th January, 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, the 9th of January, 2004.

ADV DR PAUL SANT, B.A. (HONS.), LL.D.
For the Registrar of Courts

This notice cancels the English version of Notice No. 1619 published in the Government Gazette dated 25th of November 2003.

75

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili, b'digriet tad-19 ta' Diċembru, 2003 ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att ta' Żwieġ ta' Mohamed Ben Hassine Ghenambin Hassine Ben Mohamed Ghenam u Mongia Bent Mohamed Trabelsinee' Trabelsi li jġib in-numru 1001 tas-sena 1997 fis-sens illi fil-kolonna intestata "Tagħrif dwar ir-raġel miżżewweġ", "Isem u l-kunjom" il-kunjom "Ghneme" jiġi kanċellat u sostitwit bil-kunjom "Ghenam".

Għar-Reġistrur tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili

Illum, 19 ta' Dicembru, 2003.

CARMEL MUSCAT
Deputat Reġistratur

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 19th day of December, 2003, ordered the correction of the Act of marriage of Mohamed Ben Hassine Ghenambin Hassine Ben Mohamed Ghenam and Mongia Bent Mohamed Trabelsinee' Trabelsi bearing number 1001 of the year 1997 in the sense that in the column entitled "Particulars of the husband", "Name and Surname" the surname "Ghneme" be cancelled and be substituted with the surname "Ghenam".

F/Registrar of the Court of Revision of Notarial Acts

This, 19th day of December, 2003.

CARMEL MUSCAT
Deputy Registratar

76

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet moghti fl-4 ta' Novembru 2003, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

(1) Johan Zammit u Antoinette Bugeja; (2) Reuben u Rosemarie, konjugi Mifsud; (3) Oliver Camilleri u Olivia Huskinson; (4) Maria Fiorella Camilleri; u (5) Christopher u Mary Grace konjugi Busuttil, ippreżentaw fl-14 ta' Frar 2003, Ċitazzjoni, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Saint Albans Company Limited, fejn talbu s-soċjetà konvenuta għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti;

(2) prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tikkonferma u żżomm ferm il-mandat ta' inibizzjoni numru 200/2003 fl-ismijiet "Johan Zammit et vs Saint Albans Company Limited" sakemm ikun hemm determinazzjoni finali u definittiva ta' din il-vertenza b'mod illi jitlestew il-partijiet komuni, jiġu rettifikati x-xogħlijiet fil-partijiet komuni illi ma sarux skond is-sengħa u l-arti u jiġi stallat b'mod li jkun funzjonali l-'lift' tal-korp ta' bini inkwistjoni u dan jew bl-opera tas-soċjetà konvenuta jew bl-opera ta' l-atturi a spejjeż ta' l-istess soċjetà konvenuta;

(3) prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta naqset milli tonora u tosserva l-obbligi kuntrattwali minnha assunti a favur ta' l-atturi illi tillesti l-partijiet komuni u tistalla l-lift b'mod illi dan ikun jiffunzjona pjenament fil-korp ta' bini bla numru uffiċjali u bl-isem "Pico Ruivo" fi Triq Għeriexem, ir-Rabat;

(4) tiddikjara illi x-xogħlijiet eżegwiti mis-soċjetà konvenuta fil-partijiet komuni tal-korp ta' bini bla numru uffiċjali u bl-isem "Pico Ruivo" fi Triq Għeriexem, Rabat, ma sarux skond is-sengha u l-arti;

(5) tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju illi għandu jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti tillesti u tikkompleta x-xogħlijiet meħtieġa fil-partijiet komuni u tistalla l-'lift' b'mod illi dan ikun jiffunzjona pjenament fil-korp ta' bini bla numru uffiċjali u bl-isem "Pico Ruivo" fi Triq Għeriexem, Rabat, u dan taħt is-sorveljanza u bl-opera ta' perit nominandi;

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 4th November 2003, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

(1) Johan Zammit and Antoinette Bugeja, (2) Reuben and Rosemarie, spouses Mifsud, (3) Oliver Camilleri and Olivia Huskinson, (4) Maria Fiorella Camilleri, and (5) Christopher and Mary Grace, spouses Busuttil, filed on the 14th February 2003, a Writ of Summons, in the First Hall Civil Court, against Saint Albans Company Limited, whereby they asked the defendant company why this Honourable Court;

(2) saving any other declaration which may be necessary, confirm and hold firm the warrant of prohibitory injunction number 200/2003, in the names "Johan Zammit et vs Saint Albans Company Limited" until there is a final and defintive decision regarding this matter, in such a manner that the common parts, are finished, the necessary works in the common parts, which were not carried out according to the art or trade are rectified, and there be installed in such a manner that it be 'functional' the 'lift' in the block of building in question and this to be carried out by the defendant company or by the plaintiffs at the expense of the defendant company;

(3) saving any other declaration which may be necessary, declare that the defendant company failed to honour and observe the contractual obligations undertaken by it, in favour of the plaintiffs to complete the common parts and install a lift which is completely functional in the block of buildings, without official number and named "Pico Ruivo" in Għeriexem Street, Rabat;

(4) declare that the works carried out by the defendant company in the common parts of the building, without official number and named "Pico Ruivo" in Għeriexem Street, Rabat, were not carried out according to the art or trade;

(5) condemn the defendant company so that within a short and peremptory period which shall be fixed by this Honourable Court, finish and complete the necessary works in the common parts and install a 'lift' in such a manner, that it is wholly functional in the block of building, without official number and with the name "Pico Ruivo" in Għeriexem Street, Rabat, and this under the surveillance and the appointment Architect;

(6) tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju illi għandu jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħmel ix-xogħlijiet rimedjali kollha meħtieġa sabiex tirretifika dawk ix-xogħlijiet minnha eżegwiti fil-partijiet komuni tal-korp ta' bini bla numru uffiċjali u bl-isem "Pico Ruivo" fi Triq Għeriexem, Rabat illi ma sarux skond is-sengħa u l-arti, u dan taħt is-sorveljanza u bl-opera ta' Perit nominandi;

(7) tawtoriżża lill-atturi sabiex, fin-nuqqas ta' adempjenza da parti tas-soċjetà konvenuta, ikunu huma illi, a spejjeż tas-soċjetà konvenuta, ilestu u jikkompletaw il-partijiet komuni, jagħmlu jeżegwixxu x-xogħlijiet rimedjali kollha meħtieġa sabiex jirretifikaw dawk ix-xogħlijiet eżegwiti mis-soċjetà konvenuta fil-partijiet komuni illi ma sarux skond is-sengħa u l-arti, u jistallaw il-'lift' b'mod illi dan ikun jiffunzjona pjenament fil-korp ta' bini bla numru uffiċjali u bl-isem "Pico Ruivo" fi Triq Għeriexem, Rabat, u dan taħt is-sorveljanza u bl-opera ta' perit nominandi;

(8) tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta għandha tħallas lill-atturi Christopher u Mary Grace, konjugi Busuttil penali bħala danni likwidati fis-somma ta' ħmistax il-lira maltija (Lm15) għal kulljum ta' retard b'effett mit-30 ta' Marzu, 2000, u dan a tenur tal-kuntratt pubbliku ta' komprovendita datat id-19 ta' Awissu, 1999 u iskritt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion;

(9) tillikwida s-somma illi s-soċjetà konvenuta għandha tħallas lill-atturi Christopher u Mary Grace, konjugi Busuttil in linea ta' penali bħala danni likwidati a tenur tal-kuntratt pubbliku ta' komprovendita datat id-19 ta' Awissu 1999, u iskritt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion; u

(10) tikkundanna lis-soċjetà konvenuta biex tħallas lill-atturi Christopher u Mary Grace, konjugi Busuttil dik is-somma ħekk likwidata.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali datat is-27 ta' Diċembru 2002, u tal-mandat ta' Inibizzjoni Numru 200/2003 fl-ismijiet 'Johann Zammit et vs Saint Albans Company Limited' kontra s-soċjetà konvenuta minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 12 ta' Jannar, 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati

(6) condemn the defendant company so that within a short and peremptory period which shall be fixed by this Honourable Court, to carry out all the necessary remedial works in order, to rectify, these works executed by it in the common parts of the block of buildings without official number and named "Pico Ruivo" in Għeriexem Street, Rabat, which were not carried out according to the art or trade, and this under the under direction of an Architect to be nominated;

(7) to authorize the plaintiffs so that, in case of failure on the part of the defendant company, they shall at the expense of the defendants, finish and complete the common parts, carry out the necessary remedial works in order to rectify the works carried out by the defendant company in the common parts were not carried out according to the art or trade, and install a "lift' in such a manner that this functions completley in the block of buildings without official number and named "Pico Ruivo" in Għeriexem Street, Rabat and this under the surveillance and direction of an Architect to be appointed;

(8) to declare that the defendant company is to pay the plaintiffs Christopher and Mary Grace spouses Busuttil a penalty as damages liquidated in the sum of fifteen Maltese liri (Lm15) for every day of delay with effect from the 30th March 2000, and this in terms of the public deed of sale dated 19th August 1999, and enrolled in the records of Notary Doctor Carmel Mangion;

(9) to liquidate the sum the defendant company is to pay the plaintiffs Christopher and Mary Grace spouses Busuttil, by way of penalty as damages liquidated in terms of the public deed of sale, dated 19th August 1999, and enrolled in the records of Notary Doctor Carmel Mangion; and

(10) condemn the defendant company, to pay the plaintiffs Christopher and Mary Grace, spouses Busuttil that sum so liquidated.

With all costs, including those of the judicial letter dated, 27th December 2002, and the warrant of Prohibitory Injuction number 200/2003, in the names "Johann Zammit et vs Saint Albans Company Limited, against the defendant company, from now summoned, so that a reference to its evidence be made.

Registry of the Superior Courts, today, 12th January, 2004.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament passed during 2002	Lm12.00c
Annual Reports of Government Departments – 2002	Lm 7.00c
A Public Service for the 21st Century - White Paper on a Public Service Act	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Cultural Policy in Malta – A Discussion Documen	Lm 3.00c
Customs Tariff	Lm 5.30c
Diplomatic and Consular Representation in Malta – February 2001	50c
Diskors tal-*Budget* 2004	50c
Economic Survey January - September 2003	Lm 2.00c
Electoral Register, October 2003	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, October 2003	Lm32.56c
Estimates 2004	Lm 2.00c
External Affairs Service List –October 2000	50c
Financial Report 2002	Lm 2.00c
Government of Malta Staff List as at 1st April 2000	Lm 7.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Il-Politika Kuturali f'Malta – Dokument għad-Diskussjoni	Lm 3.00c
Internal Audit Function within Government Ministries, January 2000	Lm 1.00c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Department of Consumer Affairs	Lm 1.00c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Public Service Management Code	Lm 4.00c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2002	Lm 2.50c
Servizz Pubbliku għas-Seklu 21 - White Paper dwar Att għas-Servizz Pubbliku	Lm 1.00c
Subsidiary Legislation for the year 2002	Lm22.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2001	Lm 3.00c
White Paper dwar Att Ġdid dwar l-Armi	Lm 1.00c
White Paper fuq il-Privatizzazzjoni	50c
White Paper on a New Act about Arms	Lm 1.00c
Work and Activities of the National Audit Office 2003	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*